MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 365/2008

**POLDANO BROTHERS LTD**

**vs.**

Francis **VASSALLO**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl- 14 ta' April, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta' rikorrenti, talbet li din l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma ta' sbatax-il elf ħames mija u disgħa u tletin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€17,539.72), rappreżentanti l-prezz ta' materjal lilu mibjugħ u konsenjat minnha fuq talba tiegħu. Talbet ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lill-intimat għall-finijiet ta' l-art 187(3) tal-Kap 12, li naqas li jidher meta ssejħet il-kawża jew li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' konumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimat tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-istess soċjeta’ rikorrenti s-somma ta’ €17539.72, fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra l-intimat u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b’effett mill-14 ta’ April, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------